**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 52/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Fabian Fleri)

vs

**Massimo Caruso**

iben Antonio , imwieled Siracusa, fl-14 ta' Jannar, 1973, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 22119(A)

Illum it-28 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Massimo Caruso quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat:

1. Talli nhar l-1 ta' Ottubru 2007, f`xi ħin matul il-ġurnata, f'Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi oġġetti oħra minn residenza numru 7, Triq Marsaxlokk, Marsaxlokk, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (LM 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta` Vincent Tabone;
2. Talli nhar it-3 ta' Ottubru 2007, f`xi ħin matul il-ġurnata, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta` diversi apparat elettroniċi fosthom computer u photographic cameras minn residenza numru 98, Triq il-Ġiebja Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta' Taina Hirvensalo;

3. Talli nhar it-3 ta' Ottubru 2007, f'xi ħin matul il-ġurnata, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli u somma flus kontanti minn residenza numru 20, Triq Habb il-Qamh Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta' David Pace;

4. Talli nhar il-5 ta' Ottubru 2007, f'xi ħin matul il-ġurnata, f'Had Dingli, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli, somma flus kontanti u oggetti oħra minn residenza numru 10, Josalis, Triq Ġanni Mari' Abela Dingli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta' Joseph Azzopardi;

5. Talli nhar is-7 ta' Ottubru 2007, f'xi ħin matul il-ġurnata, fis-Swieqi (Ibraġġ), ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli u oġġetti oħra minn residenza numru 17, 'Dearborn', Triq il-Qawsalla Swieqi (Ibraġġ), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta' Joseph Bezzina.

6. Talli nhar l-14 ta' Ottubru 2007 , f'xi ħin matul il-ġurnata, f'H'Attard, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli u somma flus kontanti minn residenza 'Villa Aljorica', Triq is-Sieqja Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta' Alfred Micallef.

7. Talli nhar l-14 ta' Ottubru 2007, f'xi ħin matul il-ġurnata, f' San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli, somma flus kontanti u oġġetti oħra minn residenza numru 'Il-Ġifen', Triq il-Baħar l-Iswed San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta' John Borda;

8. Talli nhar is-16 ta' Ottubru 2007, f'xi ħin matul il-ġurnata, f'Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli u oġġetti oħra minn residenza numru 20, Triq il-Maqdes ta' Gunu Marsaxlokk, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-mitt lira Maltin ( Lm100) iżda mhux l-elf lira Maltin (Lm 1000) (il-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) ) iżda mhux l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329) u li sar għad-detriment ta' Raymond Zammit;

9. Talli f'xi ħin bejn it-13 u is-17 ta' Ottubru 2007, F'H'Attard, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli minn residenza numru 32, Triq Birkirkara Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn

u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329) u li sar għad-detriment ta' Nicolina Borg;

10. Talli nhar id-19 ta' Ottubru 2007, f'xi ħin matul il-ġurnata, f'H'Attard, Ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli u oġġetti oħra min residenza 'Gardjola', Triq Frans Dingli Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-mitt lira Maltin (LM100) iżda mhux l-elf lira Maltin (Lm 1000) (Il-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232)) iżda mhux l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329) u li sar għad-detriment ta' George Cini;

11. Talli nhar l-20 ta' Ottubru 2007, f'xi ħin matul il-ġurnata, f'H'Attard, ikkommetta serq ta' diversi apparat elettroniċi fosthom computer u camera fotografika minn residenza ' Villa Ciantar', Triq is-Sienja Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-mitt lira Maltin (LM100) iżda mhux l-elf lira Maltin(Lm 1000) ( il-mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) iżda mhux l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro(€2329) u li sar għad-detriment ta' Anthonny Ciantar;

12. Talli f'xi ħin bejn il-21 u t-22 ta' Settembru 2000, f'Ħal Għaxaq, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli minn residenza 'Sunflower',Dawret Ħal Għaxaq Ħal Għaxaq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329)) u li sar għad-detriment ta' Anthony Pace;

13. Talli nhar it-23 ta' Mejju 2000, f'xi ħin matul il-ġurnata, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta' diversi ġojjelli u somma flus kontanti minn residenza numru 17, 'It-Terrazza', Triq il-Markiż J. Scicluna, Madliena, Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) (l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro (€2329) u li sar għad-detriment ta' Carmel Said.

14. U aktar talli fl-istess żminijiet imsemmija fl-akkużi preċedenti, lok u ċirkostanzi, f'Malta, laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa ,meħuda b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

15. U aktar talli fl-istess żminijiet, dati, ħin, lok u ċirkostanzi, f'diversi lokalitajiet, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli fid-diversi residenzi hawn fuq imsemmija, liema ħsara tiskorri il-ħamsin lira (LM50) iżda inqas minn ħames mitt lira(LM500) (il-mija u sittax il-ewro(€116)) iżda inqas minn elf u mija u tnejn u sittin ewro (€1162) komplessivament;

16. U aktar talli rrenda ruhu reċidiv ai' termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-

Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistgħux jigu mibdula jew imħassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 263, 267, 269, 18, 278(3), 279(b),18, 280(2)18, 279(a),18, 286,18, 334,18, 325(b)18, 533, 17, 18, 23, 31, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-istess imputat Massimo Caruso ħati skont l-akkużi indikati bħala numru 12, 13, 15 u 16 u għaldaqstant ikkundannatu għall-piena ta' sitt (6) snin priġunerija. Astjeniet millli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru 14, peress illi din ingħatat bħala alternattiva għall-imputazzjonijiet ta' serq. In oltre l-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-kumplament ta' l-akkużi l-oħra, u għaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Massimo Caruso minnu ppreżentat fl-14 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet 'Il-Pulizja vs Massimo Caruso' datata 6 ta' Frar 2014 in kwantu tikkonferma li l-appellant mhux ħati tal-akkużi 1,2,3,4,5,6,7,8,9,10,11 u 14, tikkonferma il-ħtija fil-konfront ta' l-akkużi numru 12, 13 u 15 filwaqt li tilliberah mil-akkuża numru 16 u fin-nuqqas timponi piena inqas ħarxa.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat it-talba magħmula mill-appellant Massimo Caruso fit-28 ta' Settembru 2017 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 8 ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Matla tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti permezz tad-digriet datat it-3 ta' Lulju 2020.

Semgħet il-provi marbuta mal-aggravju dwar il-piena.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell intentat mill-appellant Massimo Caruso huwa wieħed limitat għal *quantum* tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi iqies li din kienet waħda eċċessiva mhux biss għaliex huwa ġie misjub ħati biss li ikkommetta tnejn mit-tlettax-il serqa lilu addebitati fl-akkuża, iżda ukoll għaliex ma saritx il-prova tar-reċidiva kif trid il-liġi. L-appellant jilmenta ukoll illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx kont tal-fatt illi l-allegat kompliċi Carmelo Innorcia li implika lill-appellant fis-serqiet mertu ta' dawn il-proceduri, misjub ħati ta'l-istess akkużi u minnu ammessi *in toto*, ġie kundannat l-istess piena bħalu sabiex b'hekk fil-fehma tiegħu inħoloq element ta' disparita'. Dan apparti it-trapass konsiderevoli ta' żmien minn meta ġew kommessi is-serqiet li dwarhom huwa ġie misjub ħati lura fis-sena 2000.

L-appellant ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti tar-reat tas-serq aggravat u ukoll dak tal-ħsara volontarja meqjus bħala mezz ai fini biex jiġi kommess ir-reat tas-serq, b'waħda mis-serqiet tkun aggravata bil-mezz, lok u valur li jeċċedi €2329.37 u dan fil-każ li seħħ bejn il-21 u -22 ta' Settembru 2000, u bit-tieni serqa wkoll aggravata bil-mezz, lok u valur li jeċċedi €2329.37 fil-każ li seħħ fit-23 ta' Mejju 2000. Issa il-piena applikabbli għar-reat tas-serq kif aggravat huwa dak ta' priġunerija bejn tlettax-il xahar sa sebgħa snin.

Illi l-Qorti, fuq talba tal-appellant, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Roberta Holland, tal-uffiċjal tal-Probation Marilyn Attard, kif ukoll id-deposizzjonijiet ta' Carmelo Serracino Inglott u Patrick Xuereb. Dawn ix-xhieda kollha huma konkordi illi l-appellant għamel progress

konsiderevoli tul is-snin kemm filwaqt li kien il-ħabs kif ukoll fil-ħajja tiegħu fuq barra fil-komunita'. Huwa baqa' jżomm kuntatt mal-uffiċjal ta' probation u skond ix-xiehda ta' Dr. Roberta Holland hu beda miexi fid-direzzjoni lejn riforma kompluta. Illi l-Qorti madanakollu fl-aħħar seduta sfortunatament osservat illi reġa' kien hemm rigress fit-triq ta' riforma fil-hajja tal-appellant u dan meta reċentement huwa ġie arrestat mill-ġdid u mixli bil-kummissjoni tar-reat ta' serq. Fil-fatt dak in-nhar l-appellant kien jinsab detenut ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin taħt arrest preventiv.

Illi hemm fatturi oħra, iżda, li l-appellant jisħaq li l-Qorti trid tqies, fosthom illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati fil-każ odjern jirrisalu għas-sena 2000. L-appellant iqies ukoll illi huwa ma għandux jeħel l-istess piena imposta fuq il-kompliċi tiegħu li ġie misjub ħati għas-serqiet kollha indikati fl-akkuża li ġew kommessi fis-sena 2007, meta huwa ġie misjub ħati għal tnejn biss.

Illi l-Qorti tista' tapprezza illi l-appellant jista' jħoss li qed iseħħ inġustizzja fil-konfront tiegħu, u li allura l-Qorti mxiet miegħu b'mod aktar sever. Madanakollu ma jfissirx illi ċ-ċirkostanzi ta' każ wieħed huma l-istess bħal dak ta' każ ieħor. Illi fil-fatt il-Qorti ħadet *judicial notice* tas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Carmelo Innorcia tas-26 ta' Ottubru 2007 fejn huwa ġie misjub ħati għal dawk is-serqiet li minnhom l-appellant ġie illiberat iżda ma ġiex mixli b'dawk ir-reati li dwarhom instabet ħtija fl-appellant. Dan ifisser illi l-appellant f'dawn il-proċeduri għalhekk ma jistax jassumi il-figura tal-kompliċi biex b'hekk il-paragun bejn iż-żewġ każijiet jieqaf ħesrem. Mhux biss iżda Innorcia ammetta fi stadju ferm bikri tal-proċeduri u jidher illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dan il-fatt fil-kalibrazzjoni tal-piena.

> ***"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by Stroud (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity***

*can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include Brown [1975] Crim LR 177, Hair [1978] Crim LR 698 and Weekes (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, Wood (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.*

*"Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (Dickinson [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in Nooy (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:*

*"'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'"*

Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

> ***"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in R. v. Fawcett, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see R.v. Stroud, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as R. v. Wood, 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., Fawcett, ante, and Broadbridge, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied."***

Illi allura l-Qorti ma tista' tiġbed ebda paragun billi z-żewġ każijiet huma għal kollox separati u distinti bil-kundanna fiż-żewġ każijiet tkun waħda totalment differenti, u bil-konsiderazzjonijiet li wasslu lil qorti għal *quantum* tal-piena inflitta f'kull każ ukoll jkunu differenti.

Illi l-appellant jikkontesta finalment dik il-parti tas-sentenza appellata fejn hu ġie iddikjarat reċidiv fit-termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Prosekuzzjoni isserraħ din l-akkuża fuq il-prova magħmula permezz ta' żewġ sentenzi

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati waħda datata 11 ta' Novembru 2003 u oħra datata 9 ta' Jannar 2002 eżebiti bħala Dokumenti FF1 u FF2 a fols. 926 u 928 tal-proċess. Issa għalkemm l-appellant ġie mixli b'reati li seħħew fis-sena 2007 u 2000, madanakollu huwa finalment ġie misjub ħati unikament għal dawk ir-reati li seħħew fis-sena 2000. Dan ifisser illi f'dak iż-żmien, u ċioe' fis-sena 2000, dawn il-kundanni kienu għadhom ma ġewx mogħtija fil-konfront tiegħu. Illi l-artikolu 49 u 50 jqisu bhala reċidiv dik il-persuna li "**<u>wara</u> li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor."** Illi din il-kelma tal-liġi tfisser illi is-sentenzi eżebiti mill-prosekuzzjoni ma jistgħux jagħmlu prova ai fini ta' reċidiva fil-konfront tal-appellant, billi dawn ġew mogħtija wara l-kummissjoni tar-reati li dwarhom huwa ġie misjub ħati fil-presenti istanza u mhux qabel. L-effett tar-reċidiva huwa illi "l-istess persuna misjuba diġà ħatja ta' reat tiġi punita b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tiġi punita għall-istess fatt iżda għall-ewwel darba u bla preċedenti"[1]. Illi allura għalkemm l-appellant għandu fedina penali pjuttost voluminuża, madanakollu l-prosekuzzjoni ma tressaq ebda prova li turi illi meta huwa ikkommetta ir-reati li dwarhom ġie misjub ħati, u ċioe' fis-sena 2000, huwa kien diġà ġie ikkundannat minn qorti għal xi reat ieħor jew simili. Illi allura għandu jkun hemm aġġustament fil-piena biex tirrifletti dan il-fatt u l-Qorti ser tapplika r-riduzjoni l-aktar favorevoli għalih billi tirriduċi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti b'żewġ gradi. Altrimenti billi l-Qorti mhijiex konvinta illi l-appellant irriforma ħajtu u li allura rnexxielu jitbiegħed mill-hajja tal-kriminalità huwa ma jistax jikkwalifika għal xi piena alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva tenut kont ukoll tal-fedina penali refrattarja tiegħu.

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Steven Zahra deċiża 26/05/1998

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeċiedi billi tilqa′ l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant ħati biss għat-tnax, tlettax, u ħmistax-il imputazzjoni, tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-erbatax-il imputazzjoni, kif ukoll fejn illiberatu mill-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, tirrevokaha iżda fejn sabitu ħati ukoll mill-addebitu tar-reċidiva u ċioe′ tas-sittax-il imputazzjoni, tvarja għalhekk il-piena inflitta u tikkundannah għal piena ta′ erba′ snin priġunerija.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur